

Brussell, 1 ta' April 2022  
(OR. en)

7841/22

SOC 205  
EMPL 125  
GENDER 26

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	7455/19
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Dan it-test qed jintbagħat għall-finalizzazzjoni mill-Ġuristi Lingwisti, qabel l-adozzjoni tiegħu minn sessjoni futura tal-Kunsill.

**Abbozz**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**li taħtar il-membri u l-membri supplenti  
tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar 18-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perijodu ta' tliet snin.
- (2) Tmintax-il Stat Membru (HU, PL, DK, CY, IE, LT, EL, IT, LV, LU, NL, SK, MT, EE, BG, AT, RO u FI) mistennija jinnominaw membri u membri supplenti għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2022 sal-31 ta' Mejju 2025.
- (3) Il-Gvernijiet tal-Istati Membri kollha msemmija hawn fuq ippreżentaw il-listi ta' kandidati lill-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2022 sal-31 ta' Mejju 2025:

**RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN**

<b>Pajjiż</b>	<b>Membri</b>	<b>Membri Supplenti</b>
Ungerija		
Polonja		
Danimarka		
Ċipru		
Irlanda		
Litwanja		
Greċja		
Italja		
Latvja		
Lussemburgu		
Netherlands		
Slovakkja		
Malta		
Estonja		
Bulgarija		
Awstrija		
Rumanija		
Finlandja		

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---